



Għaqda Storika Kulturali, Marsa
Raymond Montebello - President

# Il-Biżantini f'Malta





F'Malta ftit li xejn għandna fdalijiet Biżantini. Malqerda tal-imperu Ruman tal-Punent, ftit żmien wara Malta għaddiet f'idejn il-ħakma Biżantina li kienet tagħmel sehem mill-imperu Ruman tal-Lvant stabbilit f'Kostantinopli.

Jingħad li għal ftit żmien, Malta ġiet maħkuma mill-Vandali u l-Goti. Dan seta' seħħ bejn is-snin 456 u 464 wk, iżda fuq dan ftit għandna evidenza. Il-Vandali qerdu kull fdal ta' ċiviltà u għalhekk rari se ssib fdal tagħhom jekk kemm-il darba kellhom. Dan kien tassew żmien mudlam għall-gżejjer tagħna. Aktarx li għal 400 sena ftit li xejn nafu eżatt x'ġara.

Għall-ħabta tas-sena 533 wk, Ġustinjanu, l-imperatur tal-Lvant, bagħat lill-Ġeneral Beliżarju biex ikeċċi lill-Vandali mill-Punent tal-Ewropa. Fi triqtu minn Sqallija għall-Afrika ta' Fuq, Beliżarju għadda minn fejn il-gżejjer iżda ma nafux waqafx hawn. Madankollu kien f'dik l-istess sena li Malta waqgħet għalkollox f'idejn il-Biżantini u b'hekk bdiet tifforma parti mill-imperu tal-Lvant.

*ikompli f'paġna 119*




## Fdalijiet Biżantini fil-Marsa

Taħt l-Għolja tal-Qortin, li diġà kien żviluppat mir-Rumani sekli qabel bħala moll u port, il-Biżantini wkoll komplew żviluppaw dak li sabu kif ukoll żiedu ma' dak li sabu. Din l-evidenza hija importanti ħafna għall-istorja ta' Malta fejn jidħol fdal Biżantin.

Lil hinn mit-tined tal-patata fil-Menqa li minn Xatt il-Braken tieħdok sa Moll il-Pont (fejn qabel kellek l-entratura tal-Enemalta taħt l-Għolja tal-Qortin jew kif nafuha aħjar l-Għolja tal-Ġiżwiti), biswit il-baħar kien instab pedament aktarx ta' kappella ta' żmien il-Biżantini u xi binjiet oħra fuq strutturi ta' bini Ruman.

Din is-sejba tant importanti tagħti dawl ġdid fuq żmien li ftit nafu fuqu għax ma kellniex wisq fdalijiet tiegħu. Aktarx li dan il-fdal kien ta' kappella li kienet iddedikata lil xi qaddis tal-kult tal-Lvant fejn nobsru li setgħet kienet iddedikata lil San Ġorġ. Il-kult tal-qaddisin tal-Lvant bħal Santa Katerina, San Mitri,



San Niklaw u oħrajn aktarx li kellu l-bidu tiegħu f'dawk iż-żminijiet. Din is-sejba tant importanti ta' kappella biswit il-baħar turi li l-merħla nisranija kellha kuntatt dirett mal-port. F'dawn l-iskavi li kien saru fl-2004 kien instab ukoll ossarju bi fdalijiet umani li jista' jindika li f'din il-kappella kien sar xi dfin ukoll. Il-ġewwieni tal-Port il-Kbir kien u baqa' bżonjuż ma' kull żmien għax il-fdalijiet jixhdu dan kollu.